**ST FRANCIS SCHOOL – B'KARA**
**PARENTS TEACHERS ASSOCIATION**
**LAQGĦA ĠENERALI ANNWALI 2017**

3 ta' Ottubru, 2017

Għeżież Ġenituri,

Merħba lil Kulħadd! F'isem il-Kumitat kollu tal-PTA, nagħtukom merħba għal sena ġdida skolastika. Merħba speċjali tmur għall-ġenituri tal-istudenti l-ġodda li qed jattendu l-iskola 'tagħna'.

Bħalma għamilna fis-snin imgħoddija nixtieq nenfasizza kemm hu importanti li aħna l-ġenituri nikkollaboraw mal-iskola fil-proċess edukattiv ta' uliedna. Dan hu importanti f'kull stadju tal-proċess edukattiv imma nħossu li din l-importanza hija ikbar fl-istadju tal-età tal-primarja.

Żgur li ftit jew wisq tapprezzaw kemm sar jinbidel iktar ta' spiss l-istil ta' ħajja li qed ngħixu: l-avvanzi fit-teknoloġija, l-aspettattivi u l-aspirazzjonijiet tal-ġenituri u tat-tfal, flimkien ma' sfidi u perikli ġodda li aħna qed nesperjenzaw. Dan kollu iħalli effett u impatt fuq il-proċess tal-edukazzjoni. Forsi it-tagħlim qabel kien iktar statiku u fiss, imma issa l-metodi, is-suġġetti, il-kurrikulu u dak kollu li għandu x'jaqsam mal-edukazzoni qed ikollu jaġġorna ruħu ferm aktar ta' spiss sabiex l-istudenti ikunu jistgħu jieħdu l-opportunitajiet u jilqgħu għall-isfidi li l-ħajja llum qed tippreżenta.

Aħna bħala ġenituri hemm bżonn li ninfurmaw u nkomplu niffurmaw ruħna fuq dak kollu li hu għaddej. Tajjeb għalhekk li aħna ninteressaw rwieħna fuq x'inhu jiġri ħalli ngħinu lil uliedna jassorbu kemm jistgħu mill-valuri tajba li l-edukazzjoni tkun qed toffri lil uliedna. Il-fatt li inti tgħallimt mod ieħor, jew li hekk kien isir qabel (forsi anke sa ftit snin ilu), ma jfissirx li ma jistax jinbidel. L-edukazzjoni hija moviment kontinwu li qed tinbidel u tiġġedded il-ħin kollu. Importanti li aħna wkoll bħala ġenituri ninteressaw ruħna u nikkoperaw. Min jaħseb li jista' jfarfar kollox fuq l-iskola u l-għalliema, jiddispjaċini ngħid li hu żbaljat u nazzarda nżid, li mhux qed ikun responsabbli lejn uliedu, u r-riżultat ma jirriflettix fuq l-iskola jew il-klassi, imma - llum jew għada - se jirrefletti fuq uliedu stess. Nħoss li dan is-sentiment qed jiżdied f'pajjizna, kemm minħabba l-pressjonijiet tal-ħajja imma wkoll sforz it-tibdil mgħaġġel li għaddej madwarna. Importanti għalhekk li noqogħdu attenti u ma nħalluhx iġorrna.

Nemmen wkoll li fi skola bħal tagħna, għandna potenzjal akbar f'dak li nistgħu nilħqu FLIMKIEN. Mingħajr ma niġbor lil kulħadd f'keffa waħda - għax huma ħafna dawk li jikkollaboraw - jiddispjaċina mmens meta naraw ċertu atteġġjamenti negattivi jew indifferenti. Għandna nies dedikatissimi għall-uliedna fi skola mibnija fuq prinċipji sodi u pożittivi. Ejjew napprezzaw iktar dak li qed isir!

1. **Laqgħa Ġenerali Annwali tal-PTA**
   Skont l-istatut tal-PTA, darba fis-sena trid tissejjaħ Laqgħa Ġenerali Annwali, sabiex fiha l-Kumitat tas-sena preċedenti jagħti rendikont tal-ħidma tiegħu, kif ukoll jiġi elett kumitat ġdid għas-sena skolastika ġdida. Din il-laqgħa fil-fatt sejra ssir fl-iskola nhar **is-Sibt, 21 ta' Ottubru 2017**. Il-laqgħa tibda fis-6:30pm fejn se jkollna quddiesa għall-familja kollha (li tkun tgħodd għall-Ħadd) imbagħad ssegwi laqgħa qasira ħafna b' din l-aġenda:
   Talba, Rapport Amministrattiv, Rapport Finanzjarju, Messaġġ tal-President, Mozzjonijiet, Emendi, Diskussjoni u Suġġerimenti, Messaġġ tal-Head, Ħatra ta' Kummissjoni Elettorali (f'kaz

li tkun tinħtieġ elezzjoni), Preżentazzjoni tal-Kandidati, Elezzjoni (f'kaz li tkun tinħtieg) u Konklużjoni

Min għandu suġġerimenti u mozzjonijiet, jew jixtieq jipproponi xi emendi għall-istatut għandu jagħmel dan billi jibgħat il-proposta tiegħu bil-miktub sa mhux aktar tard mill-Ġimgħa 13 t'Ottubru 2017 u jindirizzha f'envelop immarkat PTA AGM2017. Importanti li min iressaq proposta jkun preżenti għal-Laqgħa Ġenerali Annwali. Nikkalkulaw li jispiċċa kollox sat-8:00pm.

2. **Sejħa għall-Kandidati għall-Elezzjoni tal-Kumitat tal-PTA 2017/18**

Ma' dan l-avviż qed issibu wkoll il-formoli għall-kandidatura għall-elezzjoni tal-Kumitat. Inħeġġu ħafna sabiex ikun hawn aktar ġenituri li jkunu lesti jagħmlu sagrifiċċju ċkejken u dan għall-iskopijiet li semmejna iktar qabel. X'jinvolvi li tkun membri fil-kumitat tal-PTA?

- Il-Kumitat tal-PTA huwa magħmul fil-maġġorparti tiegħu minn rappreżentanti tal-ġenituri, flimkien mal-kap tal-iskola u rappreżentanza mill-għalliema.
- Jiltaqa' bejn wieħed u ieħor darba fix-xahar waqt iż-żmien tal-iskola. Din is-sena il-laqgħat se jinżammu nhar ta' Ġimgħa filgħaxija.
- Nagħtu daqqa t'id fejn jinħtieġ fl-attivitajiet jew bżonnijiet tal-iskola (li isiru matul il-ġurnata).
- Jagħtu feedback fuq xi diffikultajiet li jkunu qed jiġu mressqa mill-ġenituri/studenti
- Jorganizza attivitajiet ta' fund raising, sabiex ikunu jistgħu jiġu finanzjati proġetti u attivitajiet tal-iskola.

Iżda, importanti li ngħidu wkoll li l-Kumitat <u>mhux</u> qiegħed hemm biex jindaħal fit-tmexxija tal-iskola.

Appell speċjali imur għall-dawk li huma "housewives" jew jaħdmu bix-shift u li allura għandhom ftit iktar flessibiltà li jagħtu daqqa t'id fil-ħin tal-iskola meta jkun hemm xi attività jew bżonn ftit għajnuna. Għalxejn norganizzaw l-attivitajiet jekk ma jkunx hemm min imexxihom matul il-ġurnata! Jekk il-laqgħat ta' kumitat ma tantx jinteressawk imma tixtieq tagħti daqqa t'id fejn meħtieġ, allura nistednuk timla l-formola tal-helpers, fl-aħħar ta' din l-ittra.

Nagħlaq billi ngħid u nfakkar li ħafna mill-attrezzaturi moderni bħall-kompjuters, projectors fil-klassijiet, multipurpose hall, arranġamenti tat-traffiku madwar l-iskola u bosta affarijiet oħra huma kollha frott tal-ħidma tal-PTA b'riżultat tal-attivitajiet li norganizzaw.

Dan hu mument opportun biex inti wkoll issegwi x'inhu jsir fl-iskola u tagħti sehmek . Nisperaw li narawkom.

Inselli Għalikom,

Kathleen Cauchi
Segretarja

**Nominazzjoni għall-Kumitat tal-PTA Skola San Franġisk B'Kara Sena Skolastika 2017/18**

**Imla' b'ITTRI KBAR**

Il-kandidat li se joħroġ għall-elezzjoni tal-Kumitat tal-PTA irid jiġi propost u sekondat minn membri oħra fi ħdan il-PTA. **Ibgħat din il-formola bid-dettalji kollha lis-Segretarju tal-PTA, f'envelop separat mat-tifel/tifla tiegħek sa mhux aktar tard mill-Ġimgħa 13 ta' Ottubru 2017 immarkat Nominazzjoni Kumitat PTA 2017/18, AGM2017**

a. **Dettalji tal-Proponent**

Jiena, ____________________________________________ (isem tal -Proponent),

ġenitur / kustodju ta': ________________________________ (isem ta'l-istudent/a) li

qiegħed fil-klassi __________ hawn taħt iffirmat/a nipproponi lil:

b. **Dettalji tal-Kandidat/a** (il-persuna li tixtieq tifforma parti mill-Kumitat tal-PTA)

Isem u Kunjom: ______________________________________________________

Indirizz: ___________________________________________________________

Nru Tat-Telefon: _____________________________ Nru tal-Mobile: ____________

e-mail: _________________________ Nru tal-Karta tal-Identita` :______________

Isem l-istudent/a: ___________________________________________________

Klassi:___________ Isem tal-Għalliema: ___________________________________

sabiex j/tikkontesta għall-elezzjoni tal-Kumitat tal-PTA tal-Iskola ta' San Franġisk, B'Kara għas-sena skolastika 2017/18 skont l-istatut tal-istess assoċjazzjoni.

c. **Dettalji tas-Sekondant/a**

Din in-nominazzjoni qed tigi sekondata minn: ________________ (isem tas–Sekondant),

ġenitur / kustodju ta' ____________________________________ (isem tal-istudent/a) li qiegħed fil-klassi _______.

Firma tal-Proponent: _______________________________________

Firma tas-Sekondant: _______________________________________

Firma tal-Kandidat/a: _______________________________________

Għall-użu tal-Uffiċċju biss:

Irċevuta minn: ____________________________ Data: __________________________

**Formola għall-Helpers**

Jekk inti tista' tagħtina xi għajnuna matul il-ħin tal-iskola, nistednuk tgħaddilna d-dettalji tiegħek hawn taħt: Grazzi ħafna!

Isem u Kunjom: ________________________________________________________

Isem l-istudent/a: ____________________________________________________

Sena: _______ Isem tal-Għalliema: ______________________________________

Indirizz: _____________________________________________________________

Nru Tat-Telefon: ______________ Nru tal- Mobile: _________________________

e-mail: _______________________________________________________________